**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Droga 189/99***

***Pulizija***
***Sp.Josric Mifsud***
***v***
***Martin Grech***

Illum 24 ta' Jannar 2002

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Martin Grech huma bazati fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali, aggravat bid-distanza,** tar-raza tal-cannabis, **Traffikar** tal-istess droga; kif ukoll reati konnessi mal-Lottu Klandestin – *referibbilment ghat-13 ta' Dicembru 2000 u fl-ahhar sentejn qabel din id-data.*

***Kwadru tal-fatti***

Illi rizultat ta' inkursjoni li ghamlet il-pulizija fl-inhawi tal-bajja ta' San Tumas gew arrestati xi persuni suspettati li kienu qed jabbuzaw mid-droga. Fost dawn il-persuni, kien hemm l-imputat li saret tficcija fuqu, bir-rizultat li fuq il-persuna tieghu l-pulizija sabu hames (5) blokki tar-raza mehuda mill-pjanta tal-cannabis f' ammont nett totali ta' 29.047 grammi, kif ukoll somma ta' flus fl-ammont ta' LM373.

Illi fi stqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija l-imputat stqarr li huwa ghandu l-vizzju tad-droga u huwa dipendenti fuqha, u li d-droga kienet ghal uzu personali tieghu. Huwa cahad li qatt kien biegh resin; izda fid-deposizjoni quddiem il-Magistrat Inkwirenti l-imputat, inter alia, xehed hekk: *"Huwa minnu li jiena kelli minn ibigh ghalija u cioe (l-imputat hawnhekk identifika persuna). Kont nghatih l-bicciet tal-ghaxar liri maltin lesti maqtughin gol-pakkett u meta jbighhomli kont nghatih bicca b' xejn.* ***Hdejn il-bandli ta' Hal Luqa beght (lil) hafna nies****.."(dok.AG fol.10)(emfasi tal-Qorti).*

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat stqarr li l-karti li kienu fil-karrozza tieghu kienu *"tal-football tal-pools".(fol.8).*

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi fl-udjenza tal-22 ta' Jannar 01 l-imputat ammetta l-ewwel tlett akkuzi, cioe' dawk bazati fuq il-Pussess Illegali aggravat u Traffikar tar-raza tal-cannabis, izda kkontesta u cahad il-fatti kontenuti fl-ahhar erba akkuzi bazati fuq loghol tal-lottu klandestin.

Illi mill-premess il-Qorti tosserva li l-ewwel tlett akkuzi, ammessi mill-imputat stess, gew sodisfacentement provati skond il-ligi, u ghaldaqstant ireggu.

Illi pero' rigward l-ahhar erba akkuzi l-Qorti hija tal-fehma li dawna ampjament ma jirrizultawx provati. In propositu, il-Qorti tosserva li ammissjoni sabiex iggib maghha l-effetti probatorju skond il-ligi, ghandha tkun cara u univoka b'mod li ma thalli ebda dubbju dwar l-esistenza tar-reati in disamina. Fil-kaz odjern, il-prosekuzjoni qeda tibbaza l-ahhar erba akkuzi fuq dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu. Huwa qal li l-karti li nstabu fil-karrozza kienu *"Dwar tal-football tal-pools"(supra). F*l-ebda hin ma ammetta li kien jilghab il-pools. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt *per se* tas-sejba ta' dawn il-karti fil-karrozza tal-imputat, ma jwassalx <u>b' mod konklusiv</u> ghall-fatt li huwa kien <u>jilghab</u> il-pools, anqas u anqas ma jwasslu ghal prova tal-esistenza tar-reati li fuqhom huma bazati l-ahhar erba akkuzi. Ghaldaqstant il-fatti dedotti f' dawn l-akkuzi ma jirrizultawx a bazi ta' insufficjenza ta' prova fil-grad li jesigi d-dritt penali.

***<u>Piena</u>***

Illi in propositu ghal piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjonijiet is-segwenti <u>fatturi mitiganti</u> l-piena:

1. Il-**fedina penali** netta tal-imputat;

2. L-**eta'** tieghu;

3. Id-**dipendenza tieghu fuq id-droga** li wasslitu ghal-kommissjoni tar-reati in disamina. Dr.Moses Camilleri, addett mal-agenzjija Sedqa, xehed li meta l-imputat beda bil-kura, huwa kellu <u>dipendenza severa u akuta</u>. Dan il-fattur jinsab konfortat mill-fedina penali netta tal-imputat li turi li l-imputat ma' ghandux inklinazzjoni ghal kriminalita' – izda kienet id-droga wasslu ghal din it-triq.

4. Ir-**rapport favorevoli** tal-ufficjal tal-probation;

5. L-**ammissjoni** li saret fi stadju bikri tal-process;

6. Il-**kooperazzjoni li wera mal-pulizija** tul l-investigazzjoni;

**7.** Id-dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur li l-imputat ghen il-pulizija fl-investigazzjonijet taghhom kontra d-droga u ghalhekk ghandu jibbenefika minn **diminuzzjoni fil-piena kontemplata fl-artikolu 29.**

Minn naha l-ohra l-Qorti ma tistax tinjora s-segwenti <u>fatturi aggravanti</u> l-piena:

1. Il-**gravita' tar-reati** in disamina, dovuta ghal hsara li ssir bit-tixrid tad-droga.

2. Il-**frekwenza tar-reati** kommessi minnu. Di fatti kien iqabbad persuna sabiex ibigh ghan-nom tieghu; u anki kien jixtri ammont sostanzjali tar-raza ghal dan l-iskop.

In vista ta' dawn il-fatturi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tapplika fil-konfront ta' dan l-imputat piena karcerarja ghal perijodu ta' zmien adegwat sabiex isservi bhala

deterrent effettiv, f' liema perijodu l-imputat ikollu, jekk ben motivat, l-opportunita' li jehles mid-dipendenza tieghu mid-droga.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-kontenut tax-xhieda medici li ddeponew dwar dwar l-kondizzjoni mentali tal-imputat ma jimmilitax kontra din l-konkluzjoni.

Illi in propositu ghal quantum tal-piena l-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni **t-<u>tip ta' droga</u>** involuta, komunament indikata bhala *soft drug*.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi (a)(b)(c) u, wara li rat l-Artikolu 17, ir-Regolament 8 GN 292/39 u l-Artikoli 8(a) u 22 (2)(b)(I) u t-tieni proviso tal-istess Artikolu u l-Artikolu 29 tal-Kap.101, ***tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn u multa ta' hames mitt lira maltin (LM500).***

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' **LM31.25 spejjez** tad-dokument MM a tenur tal-Artikolu 533.

Ma ssibux hati tal-kumplament tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

Tordna d-destruzzjoni tad-droga a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

In fine tawtorizza lill-imputat jirtira l-flus esebiti dok.D4, stante li ma rrizultax li dawna kellhom provenjenza illegali.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***